**Kunsill Lokali –ISLA– Local Council**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ISLA

## L-Għaxar LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 10

**23 ta' Jannar 2025**

Il-Kunsilli Lokali L-Isla ltaqa' fis-Sede Azzjoni Kattolika li jinsab fl-indirizz , Triq il-Vitorja L-Isla, nhar it-Ħamis 23 ta' Jannar 2025 fis-6:00 pm.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Clive Pulis - | Sindku |
| Anthony Bonavia - | Viċi Sindku |
| Malcolm Gatt - | Kunsillier |
| Joeline Attard - | Kunsilliera |
| Keith Galea - | Kunsilliera |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA ( Skont Ordni Permanenti 14A (3) ):**

Nil

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Graziella Gellel –Segretarju Eżekuttiv

2,/4, Triq San Guzepp, Isla, ISL1229, Malta.

☎: +356 21662424 @ :isla.lc@gov.mt www.lc.gov.mt/

**Minuti**

Is-Sindku Clive Pulis ippresjeda din is-seduta Nru 10 għal-għaxar leġislatura

| | |
|---|---|
| **10.1** | **Qari ta' l-ittri ta' apologiji** |
| **10.01.01** | Is-Sur Malcolm Gatt bagħat imejl fejn informa lis-Segretarju Eżekuttiv li ma setgħax jattendi għal din il-laqgħa. |
| **10.02** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti** |
| 10.02.01 | Kopja tal-Minuti tas-seduta numru 08/2024 għal-laqgħa pubblika u numru 9/2024 li saru fis-17 ta' Diċembru 2024 intbgħatu lill-kunsilliera permezz ta' imejl u ġew approvati mill-kunsilliera is-Sa. Joeline Attard u ġew issekondati mill-Viċi Sindku s-Sur Anthony Bonavia. |
| **10.03** | **Kommunikazzjoni mis-Sindku** |
| 10.03.01 | Wara l-ħatra mill-avukat Dr. Jilian lis-Sur Keith Galea fejn ħalef li solenement ser jaqdi dmiru bħala kunsillier fil-lokalita tal-Isla, is-Sindku flimkien mal-kunsilliera u s-segretarju eżekuttiv ferħu lis-Sur Keith Galea li mit-23 ta' Jannar 2025 issa sar maħtur bħala kunsillier fil-lokalita tal-Isla u ser jibdew jaħdmu id f'id miegħu bħala kunsillier. |
| 10.03.02 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera li l-Ġimgħa 24 ta' Jannar ser issir konferenza stampa sabiex jitħabbru l-fondi għal-iskema Finanzjament karnival 2025 nhar il-Ġimgħa 24 ta' Jannar fl-10:00am, ġewwa spazju kreativ, il-Belt Valletta. Is-Sindku ikkonferma li s-segretarju eżekuttiv bagħtet l-applikazzjoni għal-iskema tal-fondi għal-karnival li ser issir il-Ġimgħa 28 ta' Frar fejn ser ikun hemm preżenti Glenn Vella, Tiziana u banda Brażiljana kif ukoll banda mill MCAST, ser issir ballu tal-karnival u żfin u kompetizzjoni bil-kostumi. L-attivita ser tibda fis-6:00pm sal-11:00pm fi Pjazza Erbgħa ta' Settembru. |
| 10.03.03 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li l-iskola talbet kollaborazzjoni mal-ekoskola u għalhekk jekk il-kunsill jaqbel joħroġ 50 ewro. Il-Kunsilliera preżenti qablu ma din il-kollaborazzjoni. |
| 10.03.04 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li f' Diċembru irċieva imejl fejn ir-Restoration Department ser inaddaf is-swar mil-ħaxix għalhekk |

| | |
|---|---|
| | hemm bżonn li jkollhom permess għall-aċċess biex jidħlu minn naħa ta' Palombo għaliex meta ser jitqaċċat dan il-ħaxix ser jaqa' għal għand Palombo għalhekk għandhom bżonn l-aċċess biex inaddfu dak li jkun waqa' għall-isfel. |
| 10.03.05 | Is-Sindku informa lil kunsilliera preżenti li reġgħet intbgħatet talba sabiex jingħata no objection għall permess ta' un/loading bay għal-24 siegħa fi Triq il-Vitorja għaliex ser issir Boutique Hotel iżda il-kunsilliera preżenti flimkien reġgħu qablu li dan m'għandux issir għaliex jinħoloq preċedent. |
| 10.03.06 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li fi Triq iż-Żewġ Mini ġiet nieqsa persuna għalhekk il-kunsill irrid jinforma lil TM sabiex titneħħa l-blue bay. |
| 10.03.07 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li l-kuntratt ma The Note Book Centre skada u is-Sur Demicoli qed jikkuntatja lil kunsill sabiex jerġa jiġġeded dan il-kuntratt. Is-segretarju eżekuttiv talbet lil-kuntrattur sabiex jgħati rendikont kemm marru nies mill-lokalita tal-Isla biex jifformatjaw il-kompjuter iżda iċ-ċiefri li intbgħatu ma jidrux realistiċi, għalhekk il-kunsill jixtieq li jkollu aktar ċarezza min uża is-servizz sabiex jerġa jġedded il-kuntratt iżda mhux għall sena sħiħa barra minn hekk il-kunsill għandu jgħati ittra li permezz ta' din l-ittra r-resident ikun jista jmur għand The Note Book Centre biex jifformatja l-kompjuter tiegħu u b'hekk il-kunsill ikollu rendikont ta' kemm marru residenti jużaw dan is-servizz. |
| 10.03.08 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li ser issir il-Jum ta' Premjazzjoni fil-kuleġġ ta' Santa Margerita għalhekk ser jinxtara ktieb għal-istudent li ser jingħata dan il-premju. |
| 10.03.09 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li, s-sinkdu flimkien mas-segretarju eżekuttiv ser jiltaqgħu mas-Sur Liam Brincat f' Jannar 2025 sabiex jidiskutu dwar il-Bid Book għal 2031. |
| 09.03.10 | Is-Sindku informa lil-kunsilliera li ser tintbgħat ittra mill-kunsill tal-Kalkara għan-nom tal-kunsilli tal-kottonera u l-Kalkara lil Fondazzjoni Kottonera wara li l-erbgħa kunsilli kellhom laqgħa mal-Onor. Alison Zerafa Civelli sabiex tgħin lil kunsilli tal-kottonera biex jingħataw fondi għall-attivita ta' l-aħħar tas-sena. Ġie diskuss biex jinħoloq kompromess mal-Għaqda Kottonera li l-fondi jingħataw lil Fondazjoni Kottonera sabiex il-Fondazzjoni tkun tista toħroġ tender għall din l-attivita bl-idejat u l-bżżonijiet li jkunu iddeċidew u jiġu ikkonfermati mil-kunsilli tal-kottonera u l-Kalkara. |
| 10.03.11 | Is-Sindku informa l-kunsilliera li tal-Waterservice Corporaton ġew fil-lokal sabiex ikejlu l-livell tat-trinek minħabba l-culverts fi Triq is-Sur li |

| | |
|---|---|
| | wara laqgħat ma Infrastructure Malta mas-Sur Steve Ellul qalilna li ser issiru riċerki dwar il-problemi li hemm ta' l-għargħar. Il-Perit li qed jieħu ħsien dawn ix-xogħolijiet huwa John Sapiano. |
| 10.03.12 | Is-Sindku informa lil kunsilliera preżenti li intbgħatu il-minuti tar-Reġjun Port u li dawn ser jintbgħatu lil kunsilliera permezz ta' imejl. |
| 10.03.13 | Is-Sindku fakkar lil kunsilliera li hemm stedina minn għand l-arċipriet tal-Isla għall-quddiesa tas-6:00pm sabiex tiġi inawguratair-restawr tal-istatwa tat-Trinita Imqadsa. |
| 10.03.14 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li l-kuntrattur tal-AIS ġew jagħmlu t-trinek għall-bollards sabiex ix-xatt jibda jingħalaq il-Ġimgħa , is-Sibt u l-Ħadd minbarra dawk biss li jkollom aċċess bħla min joqgħod ix-xatt jew għandu garaxx jew ħanut ix-xatt u vetturi ta' emerġenza bħal puluzija, ambulanzi u vetturi tt-tifi tan-nar kif kien ġie diskuss waqt laqgħa mal-pubbliku qabel ma inħarġet din it-tender. |
| 10.03.15 | Is-Sindku ressaq iċ-ċirkular SPI/SCI/01/2025 għall-attenzjoni tal-kunsilliera dwar korsijiet tal-life long learning 2025/2026 offruti mid-direttorat għat-tagħlim tul il-ħajja u l-impjegabilita'. Il-Kunsill għandu jissottometi korsijiet li wieħed jista joffri jekk għandu ir-rikweżiti kollha meħtieġa għall-korsijiet sal-31 ta' Jannar 2025. |
| 10.03.16 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li ser issir xogħol minn Infrastructure Malta fi Triq il-Maċina u Triq l-Oratorju, bankini, servizzi ġodda u tarmac ġdid. |
| **10.4** | **Mozzjonijiet** |
| | Ma kienx hemm |
| **10.05** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera** |
| | Ma kienx hemm |
| **10.06** | **Rapporti** |
| 10.06.01 | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet imejl lil kunsilliera kollha dwar ir-rapport tal-Financial Statement fejn ġie diskuss li l-kunsill qiegħed f'qada tajba. Wara li ġie diskuss dan ir-rapport sabiex jintbgħat lil awdituri ġie approvat mill-Viċi Sindku is-Sur Anthony Bonavia u l-kunsilliera is-Sa. Joeline Attard. |

| | |
|---|---|
| 10.06.02 | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet b'imejl rapporti tal-*Purchase Order* ta' Diċembru 2024 u l-petty cash ta' Diċembru 2024 fejn ġew approvati mill-Viċi Sindku is-Sur Anthony Bonavia u s-sekondati mill-kunsilliera is-Sa. Joeline Attard. |
| **10.07** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti** |
| 10.07.01 | Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-iskeda numru 01/2025 għal-għaxar leġislatura fejn intbgħatet permezz ta' imejl lil kunsilliera kollha u l-pagamenti ġew approvati mill-viċi sindku is-Sur Anthony Bonavia u s-sekondati mill- kunsilliera is-Sinj. Joeline Attard. |
| **10.08** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| 10.08.01 | Is-Seduta ntemmet wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 20 ta' Frar 2025 fl-4:30pm. |

Konfermati, illum 20 ta' Frar 2025

IFFIRMATA___
Clive Pulis
Sindku

IFFIRMATA___________
Graziella Gellel
Segretarju Eżekuttiv